MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 54/2004

**Peter u Margaret konjugi Muscat**

**Vs**

**Carmel u Rita konjugi Grima**

Il-Qorti,

Permezz tac-citazzjoni l-atturi ppremettew:

Premess illi l-atturi kellhom il-fond 'Almar Petshop' fi Rabat, Ghawdex mikri minghand il-konvenuti u dan a tenur ta' skrittura datata disgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (29.5.1995) sussegwentement imgedda annessa u mmarkata bhala dok 'A';

Premess illi a tenur ta' l-artikolu 15 ta' l-iskrittura succitata l-partijiet ftehmu *inter alia* li n-negozju kellu jigi trasferit lill-

kerrejja, l-atturi odjerni, bl-istock li jkun fih id-data tal-konsenja u l-kerrejja fi tmiem il-kirja jkunu obbligati li jikkonsenjaw lura lis-sidien, il-konvenuti odjerni, stock li jkun ta' valur ugwali ghal dak li jigi kkonsenjat lilhom jew ihallsu l-istess valur fi flus. Is-sidien ikunu tenuti li jhallsu l-prezz ta' stock in eccess  tal-valur tal-istock ikkonsenjat lis-sidien;

Premess illi l-atturi fit-terminazzjoni tal-kirja hallew fil-fond tal-konvenuti diversi prodotti ghall-ammont komplessiv ta' erbghin elf seba' mija u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€40,790.87
(ekwivalenti ghal sbatax-il elf hames mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u hamsin centezmi – Lm17,511.52) li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa s-somma ta'  erbgha u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il euro u tmienja u sebghin centezmu (€24,419.78) (ekwivalenti ghal ghaxart elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi tal-munita antika – Lm10,483.41) rapprezentanti stock li l-konvenuti hallew fil-hanut fil-bidu tal-kirja a tenur tal-ftehim sucitat u li minnhom pero' l-atturi hadu lura stock fl-ammont ta' elf sebgha u disghin euro u tlettax-il centezmu (€1097.13) (ekwivalenti ghal erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u seba' centezmi –Lm471.07) kwindi ghad fadal bilanc ta' hmistax-il elf mitejn tlieta u sebghin euro u disgha u sebghin centezmi (€15, 273.79) (ekwivalenti ghal sitt elef hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba' centezmi – Lm6557.04).

Premess li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' hmistax-il elf mitejn tlieta u sebghin euro u disgha u sebghin centezmi (€15, 273.79) (ekwivalenti ghal sitt elef hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba' centezmi – Lm6557.04) izda dawn baqghu inadempjenti.

L-atturi qeghdin ghalhekk jitolbu lil din il-qorti sabiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' hmistax-il elf mitejn tlieta u sebghin euro u disgha u sebghin centezmi (€15, 273.79)

(ekwivalenti ghal sitt elef hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba’ centezmi – Lm6557.04) a tenur tal-ftehim sucitat kif premess;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hmistax-il elf mitejn tlieta u sebghin euro u disgha u sebghin centezmi (€15, 273.79) (ekwivalenti ghal sitt elef hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba’ centezmi – Lm6557.04);

3. tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hmistax-il elf mitejn tlieta u sebghin euro u disgha u sebghin centezmi (€15, 273.79) (ekwivalenti ghal sitt elef hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u erba’ centezmi – Lm6557.04)

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Jannar elfejn u tlieta, bl-imghax dekroibbli mit-30 ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn u bir-riserva ta’ kull dritt u azzjoni skond il-Ligi.

Rat li fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet il-konvenut eccepew hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenuti m’ghandhom jaghtu xejn lill-atturi anzi jekk hemm xi bilanc dovut ghan-negozju li sar bejn il-kontendenti dan huwa mill-atturi lill-konvenuti u mhux kif qed jippretendu l-atturi;

2. Illi l-atturi fic-citazzjoni taghhom qed jipprezentaw biss lista ta’ stock li qed jallegaw li hallew fil-hanut tal-konvenuti meta skada l-ftehim li sar bejn il-kontendenti fid-disa’ u ghoxrin (29) ta’ Mejju tal-elf disa; mija u hamsa u disghin (1995). L-atturi izda qed jonqsu li jindikaw l-istock li hadu lura liema stock jammonta ghal eluf ta’ liri kif jigi dettaljatament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza kif ukoll l-istock hazin li hallew warajhom u l-ammont dovut ghal kontijiet pendenti li hallew bhall-kont tat-telephone;

3. Illi l-atturi kienu wkoll responsabbli ghal fatt li l-konvenuti kellhom jixtru *cash register* gdid wara li dawn

telqu mill-hanut u dan stante li minkejja diversi interpellazzjonijiet l-atturi naqsu anzi rrifjutaw li jaghddu l-informazzjoni mehtiega biex il-*cash register* li kien fil-hanut jkun jista' jithaddem mill-konvenuti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti saljenti li wasslu ghall-kwistjoni bejn il-partijiet kienu s-segwenti:

- Fid-29 ta' Mejju, 1995 l-atturi konjugi Muscat krew minghand il-konvenuti konjugi Grima l-hanut proprjeta' taghhom fi triq Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex maghruf bhala 'Almar Pet Shop' u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet kif stipulati fl-iskrittura privata[1].

- Din kienet kirja tan-negozju hekk kif maqbul fl-ewwel klawzola ta' l-istess skrittura privata.

- Din il-kirja saret ghall-perjodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mill-1 ta' Lulju 1995.

- Illi l-partijiet qablu wkoll fi klawzola numru hmistax (15) ta' l-istess skrittura privata li dan in-negozju kellu jigi kkonsenjat lill-kerrejja bl-istock li jkun fih fid-data tal-konsenja. Mal-konsenja l-proprjeta' ta' dan l-istock kellha tghaddi favur il-kerrejja, li kieni intitolati anki jittrasferuha favur terzi. Sad-data tal-konsenja kellu jsir inventarju tal-istock kollu ezistenti li jigi ffirmat mill-partijiet bhala prova tal-kontenut tieghu. Dan l-istock gie trasferit minghajr

[1] Dok A a fol. 6 tal-process

ebda hlas jew kumpens kwalsiasi mad-data tal-konsenja. Izda l-kerrejja obbligaw ruhhom li fi tmiem il-kirja huma jikkonsenjaw lura lis-sidien stock li jkun ta’ valur ugwali ghal dak li gie kkonsenjat lilhom jew ihallsu l-istess valur fi flus. Din il-valutazzjoni ghandha ssir a bazi tal-prezzijiet *retail* tal-istess oggetti. Is-sidien ikunu anki tenuti li jhallsu l-prezz ta’ stock in eccess tal-valur tal-istock ikkonsenjat lis-sidien sa tletin fil-mija (30%) tal-valur originali, izda l-prezz ta’ tali eccess jigi determinat a bazi tal-prezz *whole sale*. Ma ghandhomx jittiehdu in kunsiderazzjoni oggetti li jkunu miksura jew prodotti li jkunu skaduti jew mhux tajbin ghall-bejgh. Il-kerrejja ntrabtu wkoll li sakemm possibbli kellhom jixtru stock gdid minghand is-sidien minn dak li kellhom mahzun id-dar taghhom, b’dan li ma kellux ikun bi prezzijiet anqas mill-prezzijiet *whole sale* kurrenti.

- In-negozju baqa’ f’idejn l-atturi ghal madwar seba’ snin. Fil-fatt is-sidien Grima infurmaw lill-kerrejja lejn l-ahhar tas-sena 2001 li xtaqu li jitterminaw il-kirja. L-atturi kienu disposti johorgu mill-hanut fl-ahhar ta’ Gunju 2002.

- Matul il-perjodu tal-kirja ma jirrizultax li nqalghu problemi bejn il-partijiet. Il-kera, il-kontijiet tas-servizzi u l-licenzji kienu jithallsu regolarment mill-atturi.

- Il-problemi fil-fatt inqalghu hekk kif l-atturi gew biex jikkonsenjaw lura n-negozju lill-konvenuti. Hawnhekk jibdew il-verzjonijiet differenti ta’ dak li gara li wassal biex il-partijiet ma ftehmux u l-atturi ntavolaw il-proceduri odjerni fejn qeghdin jitolbu hlas rapprezentanti stock in eccess li hallew fil-hanut.

- Mhux kontestat li l-atturi hallew ammont ta’ stock fil-hanut. Li huwa kontestat huwa l-valur u l-kundizzjoni ta’ l-istess stock.

Illi l-verzjoni ta’ l-atturi hija li meta gew biex jaghtu lura l-hanut lill-konvenuti sar *stock taking* fil-presenza taz-zewg familji. Bint l-atturi, Cheryl Muscat[2] xehdet li ghamlet *stock taking* fl-ahhar tal-kirja. Qalet li l-familja taghha u tal-

---

[2] Affidavit a fol 28 tal-process

konvenuti ghamlu tlett ijiem jaghmluh u li hija hadmet l-aktar mat-tifla tal-konvenuti. Dan l-ezercizzju ghamluh billi qalghu l-ixkaffi, hadu oggett oggett minn fuq l-ixkaffi, jispezzjonawh it-tnejn li huma u jaraw il-kundizzjoni tieghu u l-*expiry date* u jnizzluh fuq ktieb. Il-kitba kienet f'idejn bint il-konvenuti. Meta kienu jiltaqghu ma' xi diffikulta', bint il-konvenuti kienet tistaqsi lil ommha u jekk ommha ttiha l-*go ahead* tnizzlu fuq il-ktieb. Spjegat li qabel ma beda l-istock taking kienu nehhew diversi affarijiet li ma kienux tajbin pero' l-bqija ta' l-istock kien tajjeb. Hija qalet li l-oggetti skaduti kienu ftit u haduhom il-familja taghha. Sostniet li kien hemm stock hazin jirrisali minn zmien il-konvenuti. Qalet ukoll li l-konvenut qalilhom li kien se jiehu kollox.

Nonostante l-istqarrija li ghamlu tlett ijiem biex sar l-istock taking fl-affidavit, in kontro-ezami Cheryl Muscat qalet li kienu damu zgur nofs ta' nhar jaghmlu l-istock taking[3].

L-attrici Margaret Muscat fl-affidavit taghha[4] xehdet li qabel ma hadu l-hanut f'idejhom meta sar l-istock taking kien hemm hafna stock li kien skadut u danneggjat. Hija qalet li l-istock taking sar wara l-iffirmar tal-kuntratt[5]. Ghall-bidu ma rieduhx izda l-konvenut qalilhom biex ma jinkwetawx u li dak li ma jinbieghx huwa kien jerga' jiehdu lura meta tispicca l-kirja. Il-kotba hadhom il-konvenut u meta marru ghand l-avukat biex jiffirmaw il-kuntratt issemmiet figura. Ma tafx jekk dan kienx verament l-ammont veru li rrizulta mill-istock taking li kienu hadu qabel il-kuntratt. Izda huma fdawh u accettawh.

Ghar-rigward ta' x'gara mat-terminazzjoni tal-kirja, hija xehdet fl-istess sens ta' bintha Cheryl Muscat ossija li l-istock taking sar fil-presenza taz-zewg familji flimkien. Il-kotba ma tathomlux dak il-hin kif spiccaw ghax riedet taghtihom lill-accountant u mbaghad tghaddi l-fotokopji lill-konvenuti aktar tard. Il-konvenut beda jirrabbja u skond l-attrici minn hawn bdew il-problemi ghaliex imbaghad il-

[3] A fol 253 et seq tal-process
[4] A fol 428 et seq tal-process
[5] A fol 239 tal-process

konvenuti ma riedux jaccettaw l-istock peress li bdew isostnu li kien hemm stock skadut u danneggjat. Hija xehdet hekk : *'Kien hemm stock li kien ghadu hemm minn tal-konvenuti meta dhalna li ovvjament ma giex mibjugh – pero' l-konvenut Carmel Grima kien qal lil James li ma kienx ser ibaghtih hu. Kien hemm ukoll xi stock li minkejja li huma qalu li kiem damaged ahna zammejnieh u fil-fatt ghamilna lista tieghu li diga' giet prezentata u naqqasniha mill-ammont bilancjali li ghadu dovut lilna'.* L-affidavit ta' James Muscat, iben l-attrici, huwa fl-istess sens li xehdet Margaret Muscat.

Illi in kontro-ezami qalet li fil-lista ta' l-istock li saret qabel ma hadu n-negozju f'idejhom gew inkluzi wkoll oggetti li kienu skaduti u damaged[6]. It-totali li jirrizultaw f'Dok AF 1[7] saru minn zewgha u l-konvenut flimkien ma' l-avukat u ghalhekk hija ma ddubitatx. Hija regghet xehdet li l-istock take meta gew biex jaghtu l-hanut lura lill-konvenuti sar fil-presenza taz-zewg familji. Kien dam jumejn. Ix-xoghol skadut tpogga go kaxxa u haduh id-dar. Hija kkonfermat li xi zmien wara rceviet telefonata minghand Grima fejn qalilha li kien hemm xi prodotti ohrajn skaduti. Hadet parir minghand l-avukat taghha u sahansitra akkumpanjatha sal-hanut. Il-konvenut ghabbilha l-prodotti got-truck taghha u taha lista ta' x'hadet u huwa kien iffirmaha fil-presenza ta' l-avukat taghha. Ghazlet il-prodotti u meta ghamlet appuntament mal-konvenut biex ttih lura xi prodotti, ghalkemm ta appuntament, fil-gurnata ma deherx. Fuq l-allegazzjoni li kien hemm prezzijiet gholjin fuq il-prodotti tal-hanut hija cahdet dan u li l-konvenuti qatt ma qalulha xejn dwar hekk.

Illi l-verzjoni tal-konvenuti hija kuntrarja ghal dik sottomessa mill-atturi. Il-konvenuti jsostnu li l-atturi ma rieduhomx maghhom meta sar l-istock taking tal-hanut u li dan sar fil-gurnata meta tawhom lura l-istess hanut f'nofs ta' nhar, f'cirka tlett sieghat. B'konsegwenza ta' dan huma ma setghux jaraw l-istock sewwa u ghalhekk wara li inghataw ic-cavetta, dakinhar stess wara nofsinhar marru

[6] A fol 240 tal-process

[7] A fol 245 tal-process

l-hanut u sabu hafna stock li kien skadut u kien danneggjat. Il-konvenut spjega[8] kif l-avukat taghhom ta' dak iz-zmien gie infurmat u saret laqgha l-ghada mal-konvenuti u Peter Miscat kellu jmur il-hanut u jiehu lura l-istock hazin kollu li sabu. L-ghada Margaret Muscat flimkien ma' Dr Justyne Caruana marru l-hanut bi truck *pick-up* Isuzu u ghabbew l-oggetti. Maghhom hadu l-lista ta' oggetti skaduti li kienu ghamlu l-familja tal-konvenuti u l-atturi tawilhom wara hafna zmien. Il-konvenut gharaf il-firma tieghu fuq din il-lista. Jilmenta wkoll li fil-lista ta' stock taking sabu diversi oggetti bi prezzijiet gholjin. Huma kellhom ukoll jixtru *cash register* ghax l-atturi ma tawhomx il-*log book*.

In kontro-ezami[9] xehed li l-prezzijiet li jidhru fuq il-kotba li gew ezebiti huma l-prezzijiet *retail*. Waqt dawk it-tlett sieghat li ghalihom kien prezenti meta kien qed isir l-istock take huwa qalilhom lill-atturi li kien hemm stock skadut. Dak il-hin stess cempel lill-avukat tieghu li tah parir li jiehu c-cavetta imbaghad jirrangaw wara. Meta marru wara nofsinhar sabu li l-istock skadut kien mohbi wara l-istock it-tajjeb fuq l-ixkafef. Kienu ghamlu lista ta' l-istock skadut li sabu kif ukoll stock bi prezzijiet mhux gusti. Ikkonferma li l-atturi hadu affarijiet skaduti mill-hanut. Annmarie Grima xehdet ukoll f'dan is-sens fl-affidavit taghha.

Illi meta qorti tkun rinfaccjata b'zewg versjonijiet kunfliggenti, kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**[10]**,** ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u

[8] Affidavit ta' Carmel Grima a fol 36 tal-process

[9] Seduta ta' l-20 ta' Jannar 2010 a fol 430 et seq tal-process

[10] App Civ (Sede Inferjuri) Nru : 290/2001 deciza fl-24 ta' Marzu 2004

2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur.*[11]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant[12].

Illi l-atturi sostnew li meta hadu l-hanut f'idejhom sabu hafna xoghol skadut (li kien ukoll inkluz fil-prezz ta' l-istock li gie f'idejhom) izda peress li l-konvenut qalilhom li jekk ma jbieghux tali stock jiehdu lura huma fdawh. Fl-opinjoni ta' din il-qorti dan kollu huwa rrelevanti ai fini tal-vertenza odjerna u dan peress li l-istess atturi kollha xehdu fis-sens li d-dokument imhejji mill-konvenuti li fih kien jindika l-valur ta' l-istock li kien thalla fil-hanut meta hadu n-negozju f'idejhom gie ffirmat minnhom u kienu konsapevoli ta' x'kien hemm. Huma ghalhekk gew li accettaw tali ammont u tali stock u jekk verament kien hemm stock li kien danneggjat jekk accettawh dan ghamlu hekk a riskju taghhom. Kien jinkombi fuqhom li jipprotegu l-interessi taghhom qabel ma qabdu u ffirmaw. Inoltre' kienu jafu li ma kien hemm ebda klawzola fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet li jekk thalla xi xoghol skadut jew daneggjat mis-sidien fl-ahhar tal-kirja is-sidien kienu se jiehdu dan ix-xoghol lura.

Illi giet ezebita l-korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet[13] *a tempo vergine* li titfa' dawl fuq il-kwistjoni. Sa mill-ewwel jirrizulta li l-konvenuti odjerni kienu qeghdin jilmentaw mill-fatt li l-atturi naqsu li jtuhom il-*logbook* tal-*cash register*; mill-affarijiet skaduti li thallew fil-hanut kif ukoll ohrajn li huma bi prezz ferm aktar gholi minn dak li l-atturi xtraw l-istess oggetti. Dan l-ahhar ilment beda

[11] Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma,** Appell Sede Inferjuri deciza fit-22 ta' Novembru 2001

[12] Kollez Vol L pII pg 440

[13] Dok Pm (ii) sa Dok PM xvi a fol 443 et seq tal-process

jissemma tlett xhur wara li l-konvenuti hadu l-hanut lura f'idejhom. Dan jista' jkun ghaliex mill-korrispondenza nnifisha u anki mix-xhieda ta' Margaret Muscat jirrizulta li l-kotba li gew kumpilati meta sar l-istock taking tal-hanut kienu zammewhom ghandhom l-atturi u dawn inghataw lill-konvenuti xhur wara li l-hanut gie f'idejhom. Infatti jirrizulta mill-ittra datata 5 ta' Settembru 2002[14] mibghuta mill-atturi lill-konvenuti li sa dakinhar il-kotba kienu ghadhom fil-pussess ta' l-atturi. Pero' wiehed jifhem li fuq l-oggetti nfushom kienu mmarkati bil-prezzijiet.

Illi dwar l-oggetti skaduti jirrizulta kemm mill-korrispondenza kif ukoll mix-xhieda li l-atturi wara li taw ic-cavetta lura lill-konvenuti zgur marru l-hanut u hadu lura xi oggetti skaduti. Dr Justyne Caruna ghall-atturi baghtet kopja tal-lista ta' oggetti li l-klijenti taghha hadu ma' l-ittra datata 23 ta' Lulju 2002[15].

Illi l-konvenut sussegwenti ghall-prezentata ta' l-affidavit tieghu prezenta Dok A[16] li hija lista li l-konvenuti jsostnu li ghamlu dakinhar stess wara li l-atturi tawhom lura c-cavetta tal-hanut u fiha hemm allegatament imnizzla kemm l-oggetti skaduti li sabu kif ukoll dawk danneggjati. Il-konvenut matul il-kawza dejjem sostna li l-attrici hadet xi oggetti maghha li kienu skaduti u li giet ikkumpilata lista ta' tali oggetti li hija hadet u li huwa kellu jiffirma fuq din il-lista. Stranament lista ta' oggetti bil-firma tieghu[17] giet prezentata biss man-nota guramentata tieghu prezentata fis-16 ta' Frar 2010 u cioe hames snin u nofs wara l-prezentata ta' l-istess kawza u dan meta l-provi kienu ilhom hafna li nstemghu. Tali lista ma fiha l-ebda indikazzjoni ta' data u din il-qorti ssibha ferm difficli temmen lill-konvenut li din il-lista hija veritiera ghaliex x'inhi r-raguni li ma gietx ezebita mill-ewwel?

Illi inoltre' din il-qorti ghalkemm tifhem li kien hemm oggetti skaduti li l-atturi hallew fil-hanut jirrizulta li dawn ittiehdu minnhom u tnaqqsu mill-ammont ta' stock li thalla

[14] Dok PM vii a fol 441 tal-process
[15] Dok PM iii a fol 435 tal-process
[16] A fol 51 et seq tal-process
[17] Dok CG a fol 560 et seq tal-process

in eccess. Il-konvenut innifsu xehed li waqt l-istock taking fin-nofs ta' nhar ta' filghodu li kien qieghed isir waqt li kien hemm prezenti wkoll il-konvenuti kien innota xi oggetti skaduti u qal lill-attrici bihom. Kien fl-interess tal-konvenuti li jiehdu hsieb li jekk kien hemm stock hazin u danneggjat jassiguraw li l-atturi jiehduh mill-ewwel. Jidher li l-konvenuti kienu anki mitluba mill-atturi[18] biex minghajr pregudizzju jaghtuhom kopja tal-lista ta' oggetti li allegatament kienu skaduti u/jew miksura. Din il-lista ma jirrizultax li qatt inghatat lill-atturi. Il-versjoni ta' l-atturi hija aktar kredibbli ghaliex il-lista ta' l-oggetti skaduti li huma hadu mill-hanut intbaghtet lill-konvenuti lanqas xahar wara li l-hanut gie f'idejn il-konvenuti u ghalhekk *a tempo vergine*. Ghalkemm il-konvenuti f'korrispondenza sussegwenti jsemmu li kellhom fil-pussess taghhom stock skadut u danneggjat ma baghtu ebda listi. Dan apparti l-fatt li jirrizulta li meta l-atturi hadu l-hanut f'idejhom il-konvenuti kien ghad baqaghlom stock id-dar tant li l-atturi obbligaw ruhhom li kemm jista' jkun jixtru minghand il-konvenuti. Ghalhekk jista' jaghti wkoll il-kaz li parti mill-istock li l-konvenuti qeghdin ighidu li kien skadut kien proprju stock li kien ilu fil-pussess taghhom.

Illi anki dwar il-prezzijiet allegatament gholjin. Il-konvenuti ressqu bhala l-uniku xhud taghhom dwar din il-kwistjoni lil certu Reno Baldacchino[19]. Dan ix-xhud li kien jissuplixxi erbghin fil-mija (40%) ta' l-istock tal-hanut xehed li s-salesman tieghu gewwa Ghawdex qallu li l-prodotti li kellu l-konvenut ma kienux jaqblu mal-prezzijiet taghhom. Dan kien ghall-perjodu tas-sena 2003. Il-prodotti kienu mmarkati oghla mill-price list taghhom. Il-*mark up* f'dak iz-zmien kien ikun normalment ta' 25% pero' f'dan il-kaz ma jafx kemm kien. Il-konvenut talabhom il-price list sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. In kontro-ezami xehed li huwa ma jafx kemm Grima kien jaghmel *mark up*. Inoltre' fil-perjodu meta l-hanut rega' biddel l-idejn hadd ma mar jiccekkja l-prezzijiet. Ikkonferma wkoll li certu prezzijiet gieli gholew u ohrajn rahsu matul iz-zmien.

[18] F'ittra datata 22 ta' Ottubru 2002 a fol 446 tal-process
[19] A fol 274 tal-process

Illi dwar din l-allegazzjoni ossija li l-oggetti fil-hanut kienu bi prezzijiet ferm oghla l-konvenuti ma rnexxielhomx jikkonvincu lil din il-qorti li din ghandha mill-veru.

Fil-fehma ta' din il-qorti, il-partijiet intilfu f'hafna piki bejniethom meta setghu jpoggu bilqeghda u jaslu fi ftehim izda r-rieda t-tajba naqset miz-zewg nahat.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta li meta l-atturi hadu l-hanut f'idejhom, it-total ta' l-istock li thalla mill-konvenuti fil-hanut kien fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il euro u tmienja u sebghin centezmu (€24, 419.78)[20]. Dan l-ammont kien jirrapprezenta l-prezz *retail* ta' l-oggetti. Dan l-ammont gie maqbul bejn il-partijiet.

Illi fit-tieni lok l-atturi jsostnu li fit-terminazzjoni tal-kirja hallew fil-fond tal-konvenuti diversi prodotti ghall-ammont komplessiv ta' erbghin elf seba' mija u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€40,790.87)[21]. Il-konvenuti fin-nota guramentata taghhom hadu bhala kalkolu bejn wiehed u iehor l-istess ammont b'differenza ta' xi ftit ghexieren.

Illi ghalhekk abbazi ta' l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet mill-ammont ta' €40,790.87[22] irid jitnaqqas l-ammont ta' €24, 419.78[23] biex b'hekk wiehed jasal ghall-ammont li jirrapprezenta l-eccess ta' stock li huwa fl-ammont ta' €16,371.09. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' elf mija u tlett euro u erba' u tmenin centezmu (€1103.84)[24] u ghalhekk jifdal l-ammont ta' hmistax-il elf mitejn sebgha u sittin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€15, 267.25).

---

[20] Ekwivalenti ghal ghaxart elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi – Lm10,483.41

[21] ekwivalenti ghal sbatax-il elf hames mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u hamsin centezmi – Lm17,511.52

[22] L-istock li thalla fil-hanut mill-atturi

[23] L-istock li thalla fil-hanut mill-konvenuti

[24] Ekwivalenti ghall-ammont ta' Lm473.88 a fol 436 tal-process rapprezentanti l-istock skadut li l-atturi hadu minghand il-konvenuti

Illi qabel ma' din il-qorti tipprocedi bil-kalkoli taghha jehtieg li tigi interpretata l-kalwzola numru 15 ta' l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet partikolarment fejn gie sottolineat minn din il-qorti. Din il-klawzola tipprovdi s-segwenti :

*"Illi l-partijiet jaqblu wkoll li dan in-negozju ghandu jigi kkonsenjat lill-kerrejja bl-istock li jkun fih fid-data tal-konsenja. Mal-konsenja l-proprjeta' ta' dan l-istock ghandha tghaddi favur il-kerrejja, li ghalhekk ikunu intitolati anki jittrasferuha favur terzi. Ghalhekk sad-data tal-konsenja ghandu jsir inventarju tal-istock kollu li jkun ezistenti li jigi ffirmat mill-partijiet bhala prova tal-kontenut tieghu. Dan l-istock jigi ttrasferit minghajr ebda hlas jew kumpens kwalsiasi mad-data tal-konsenja. <u>Izda l-kerrejja jkunu obbligati li fi tmiem din il-kirja huma jikkonsenjaw lura lis-sidien stock li jkun ta' valur ugwali ghal dak li gie kkonsenjat lilhom jew ihallsu l-istess valur fi flus. Din il-valutazzjoni ghandha ssir a bazi tal-prezzijiet retail tal-istess oggetti. Is-sidien ikunu anki tenuti li jhallsu l-prezz ta' stock in eccess tal-valur tal-istock ikkonsenjat lis-sidien sa tletin fil-mija (30%) tal-valur originali, izda l-prezz ta' tali eccess jigi determinat a bazi tal-prezz whole sale.</u> Ma ghandhomx jittiehdu in kunsiderazzjoni oggetti li jkunu miksura jew prodotti li jkunu skaduti jew mhux tajbin ghall-bejgh. Il-kerrejja jintrabtu li sakemm possibbli kellhom jixtru stock gdid minghand is-sidien minn dak li ghandhom mahzun id-dar taghhom, b'dan illi dan ma ghandux ikun bi prezzijiet anqas mill-prezzijiet whole sale kurrenti".*

Illi l-atturi qeghdin jinterpretaw din il-klawzola bhala li l-konvenuti kienu obbligati li jiehdu biss tletin fil-mija ta' l-istock zejjed izda ladarba l-konvenuti ghazlu li jiehdu l-istock kollu dan gab varjazzjoni tal-ftehim originali u ghalhekk l-atturi qeghdin jippretendu li l-konvenuti jhallsu ta' l-istock kollu li thalla minnhom. Jidher ukoll li l-atturi qeghdin jippretendu li tali stock jigi prezzat bhala *retail*.

Min-naha taghhom il-konvenuti qeghdin jinterpretaw din il-parti ta' din il-klawzola ferm differenti minn hekk. Huma jsostnu li l-prezz ta' tali eccess ghandu jigi kkalkolat a bazi tal-prezz *whole sale* u li l-konvenuti huma marbuta jhallsu biss sa tletin fil-mija ta' dan l-istock zejjed.

Illi fil-fehma ta' din il-qorti, l-interpretazzjoni moghtija mill-konvenuti ghal din il-parti tal-kalwzola 15 hija korretta. Fit-terminazzjoni tal-kirja, il-kerrejja ossija l-atturi f'din il-kawza ntrabtu li jaghtu lura lis-sidien *stock* li kellu valur ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il euro u tmienja u sebghin centezmu (€24, 419.78)[25] jew inkella jaghtu lis-sidien l-istess ammont f'kontanti. Il-valur ta' din l-istock kellu jittiehed mal-valur *retail* tal-prodotti u dan peress li meta l-atturi hadu n-negozju f'idejhom fis-sena 1995 huma kien mexxew mal-valur *retail* biex waslu ghac-cifra. Il-konjugi Grima intrabtu wkoll li jhallsu sa tletin fil-mija (30%) tal-prezz tal-istock li kien baqa' fil-hanut u li kien aktar mill-ammont ta' €24, 419.78. Il-prezz ta' tali eccess kellu u ghandu jigi kkalkulat a bazi tal-prezz *wholesale*.

Illi l-atturi m'ghandhomx ragun meta jsostnu li s-sidien kienu obbligati biss li jiehdu 30% ta' l-istock izda jidher li huma accettaw li jiehdu l-istock kollu u qed jippretendu li jhallsu abbazi tal-prezz *retail.* Ibda biex, l-atturi kellhom kull dritt li jippruvaw ibieghu l-istock in eccess lil terzi. Kellhom bizzejjed zmien biex jaghmlu dan ghaliex kienu huma stess li taw lill-konvenuti z-zmien meta kienu lesti li johorgu mill-hanut. Il-klawzola hija cara – il-konvenuti huma marbuta biss li jhallsu sa 30% ta' dan l-istock zejjed liema stock zejjed ghandu jigi kkalkolat fuq prezz *wholesale.*

Ghaldaqstant fadal eccess ta' stock fuq prezz *retail* fl-ammont ta' €15,267.25. Jehtieg ghalhekk li jigi kkalkolat il-prezz *wholesale*. L-uniku prova prodotta giet min-naha tal-konvenuti li permezz tax-xhud Reno Baldacchino spjega li generalment dak iz-zmien il-*mark up* kien ikun ta' 25%. L-atturi ma gabux prova li tikkontradici tali affermazzjoni. Ma jistax ikun li jkun hemm ezercizzju kif suggerit mill-atturi fin-nota guramentata taghhom tas-17 ta' Marzu 2010 li ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni l-*mark up* ta' kull prodott individwali. L-istess atturi ma gabu l-ebda prova dwar dan. Kwindi l-*mark up* li se tiehu in kunsiderazzjoni l-

---

[25] Ekwivalenti ghal ghaxart elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi – Lm10,483.41

qorti huwa proprju ta’ 25% li fil-kaz de quo jammonta ghal tlett elef tmien mija u sittax-il euro u wiehed u tmenin centezmu (€3,816.81), liema ammont irid jitnaqqas mis-somma ta’ €15,267.25. Il-prezz ta’ l-istock in eccess huwa fl-ammont ta’ hdax-il elf erba’ mija u hamsin euro u erbgha u erbghin centezmu (€11,450.44). Il-konvenuti huma marbuta jhallsu sa 30% ta’ dan l-istock in eccess. Jirrizulta li l-konvenuti lesti li jhallsu sa tali ammont u ghalhekk l-ammont dovut fuq l-eccess ta’ stock huwa ta’ tlett elef erba’ mija u hamsa u tletin euro u tlettax-il centezmu (€3,435.13).

Illi jifdal issa l-kwistjoni jekk minn dan l-ammont likwidat ghandhomhx ukoll jitnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u tat-telefon li thallew pendenti kif ukoll il-hlas ta’ *cash register*. L-attrici xehdet li hija ghadha lesta thallas il-kontijiet pendenti izda mhux il-*cash register*. Dwar il-cash register jinghad li huwa minnu li l-atturi rrifjutaw li jghaddu l-*logbook* ta’ l-istess lill-konvenuti u dan jirrizulta ampjament mill-korrispondenza u qatt ma gie michud mill-istess atturi. Dwar il-kontijiet jirrizulta li l-kont tad-dawl u ilma esebit mill-konvenuti juri li l-ammont dovut huwa ta’ mija sebgha u sebghin euro u disgha u hamsin centezmu (€177.59)[26], filwaqt li l-kontijiet tat-telefon jammontaw ghal mija u erbgha u tletin euro u tmienja u sittin centezmu (€134.68)[27] li minnhom irid jitnaqqas l-ammont ta’ ghaxar euro u disa’ centezmi (€10.09)[28] ghal total dovut fuq il-kontijiet tat-telefon ta’ mija erbgha u ghoxrin u sittin centezmu (€124.60)[29]. Dwar il-*cash register* mix-xhieda ta’ John Bonnici jirrizulta li l-*cash register* setghet tigi wzata u l-konvenuti setghu marru ghand il-VAT office u jirrangaw is-sitwazzjoni izda min-naha l-ohra din il-qorti m’ghandix dubju li l-*logbook* ma giex ritornat biss bhala pika. L-atturi ma kellhomx aktar bzonnu u ghalhekk anki jekk il-

[26] Ekwivalenti ghall-ammont ta’ sitta u sebghin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm76.24)

[27] Ekwivalenti ghall-ammont ta’ sebgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm57.82)

[28] Ekwivalenti ghall-ammont ta’ erba’ liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm4.33) rapprezentanti l-kera tal-linja ghal Lulju 2002

[29] Ekwivalenti ghall-ammont ta’ tlieta u hamsin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm53.49).

konvenuti setghu marru ghand il-VAT office dan kien ifisser hela ta’ hin u spejjez inutili meta l-atturi kellhom obbligu li jghaddulhom l-istess *log book* mat-terminazzjoni tal-kirja, kif ghamlu l-konvenuti meta l-atturi hadu n-negozju f’idejhom. Ghalhekk huwa gust li l-ammont ta’ mitejn u tlieta u tletin euro (€233) ghandu jitnaqqas ukoll. Ghalhekk l-ammont li jrid jitnaqqas huwa ta’ hames mija u hamsa u tletin euro u dsatax-il centezmu (€535.19). Dwar il-permess il-konvenuti ma gabux ricevuta li huma hallsu l-permess u ghalhekk l-ammont li qeghdin jippretendu m’ghandux jitnaqqas.

In vista tal-premess l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi huwa ta’ elfejn tmien mija disgha u disghin euro u erbgha u disghin centezmu (€2899.94).

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn dawn jikkontrastaw ma’ dak deciz u tilqa’ t-talbiet attrici limitatament u dan billi:

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta’ elfejn tmien mija disgha u disghin euro u erbgha u disghin centezmu (€2899.94) a tenur tal-ftehim sucitat kif premess;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ elfejn tmien mija disgha u disghin euro u erbgha u disghin centezmu (€2899.94);

3. tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ elfejn tmien mija disgha u disghin euro u erbgha u disghin centezmu (€2899.94)

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Jannar elfejn u tlieta, bl-imghax dekoribbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------